MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 13/2008

**Godfrey Leone Ganado**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Ottubru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tas-7 ta' Frar 2008 li permezz taghha informa lill-appellant bir-rata ta' pensjoni li huwa kien ser jircevi; ra wkoll l-appell relativ li dahal fil-11 ta' Marzu 2008.
>
> Waqt it-trattazzjoni l-appellant sahaq li ghalkemm fil-kuntratt tax-xoghol dak li huwa kien qed jircevi

> mill-partnership li fih huwa kien jippartecipa sa meta rtira, jidher indikat bhala 'partner's pension', is-sustanza ta' dak il-hlas kien 'terminal gratuity'.
> Id-Dipartiment jibbaza il-kaz tieghu fuq l-interpretazzjoni tal-artikolu rilevanti u fuq l-interpretazzjoni moghtija mill-Onor Qorti tal-Appell fis-sentenza indikata u citata fir-risposta tieghu.
>
> L-Arbitru hu tal-fehma li f'dan il-kaz hemm in-'ness' konsidrat fl-imsemmija sentenza, bejn il-hlas li l-appellant qed jircevi u s-servizz li huwa kien ta; Jidher ukoll li l-attivita tal-appellant (servizz li jkun qabel inghata f'Malta jew barra minn Malta) kienet "verament il-kawza ta' dak il-hlas ta' pensjoni jew gratifikazzjoni".
>
> Fuq l-iskorta ta' din l-gurisprudenza, l-Arbitru hu tal-fehma li d-dipartiment kien gustifikat fid-decizjoni imsemmija u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud."

Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza biex jitlob ir-revoka taghha b'dawn il-motivazzjonijiet:-

(1) B'mod generali, illi l-interpretazzjoni moghtija mid-Direttur u mill-Arbitru ma jinkwadrawx ruhhom la fl-ispirtu tal-ligi u lanqas f'dik li tista' titqies li kienet l-intenzjoni tal-legislatur;

(2) B'mod partikolari, illi l-hlas li kien qed isir lilu mid-ditta professjonali li fiha kien konsocju kien hekk dovut ghaliex huwa ceda u rrinunzja ghad-dritt li jkompli jahdem wara li ghalaq il-wiehed u sittin sena, irrinunzja ghall-issoktar ta' l-ezercizzju ta' l-istess professjoni tieghu ta' Awditur u rrinunzja ghad-drittijiet tieghu ghall-"*goodwill*";

Fil-qosor, il-mertu tal-kontroversja introdott bil-gravam ta' l-appellanti quddiem l-Arbitru kien fis-sens illi hu kien intitolat jircievi l-pensjoni shiha ghaliex il-hlas pagabbli lilu mid-ditta kien fis-sustanza "*a terminal benefit computed*

*on the basis of the share of profits allocated to me for the year immediately preceding my retirement, payable over a period of five years*". Id-Direttur ma qabelx ma' din il-kontenzjoni u fir-risposta tieghu quddiem l-Arbitru ssottometta li dak il-hlas kien jikkwalifika bhala "*Service Pension*" u tali kien igib, b'konsegwenza, illi dak il-hlas kellu jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tar-rata ta' pensjoni dovuta lill-appellanti;

Jidher minn din l-esposizzjoni qasira u mill-atti l-ohra quddiem l-Arbitru illi c-cirkustanzi li kkristallizzaw ruhhom fil-mument storiku ta' l-applikazzjoni mill-appellanti ghall-"Pensjoni Kontributorja" minghand l-Istat kienu jivvertu fuq it-tifsira li kellha tinghata lill-klawsola 30 tal-ftehim intitolata "Partners' Pension" bejn il-konsocji, u in partikolari s-sub-paragrafu (2) taghha li hekk jipprovdi:-

"*The pension payable in accordance with sub-clause (1) hereof is one-fifth of the share of profits attributable to him in the year ended on the last Accounting Date preceding the Retirement Date. This pension will be payable for five successive years starting immediately on the day after the Retirement date and will be payable to the personal representatives of the retired Partner in the event of his demise during the said five years*."

Bhala fatt jirrizulta mill-ittra tac-Chairman tad-ditta ta' Awdituri (fol. 13) illi din il-pensjoni fl-ammont ta' elfejn lira Maltin fix-xahar bdiet tithallas lill-appellanti fl-1 ta' Jannar, 2007;

Hu immedjatament ovvju mill-kontenut tal-precitata klawsola ta' ftehim illi l-konsocji kienu, permezz taghha, qed jikkontemplaw forma ta' pensjoni ghal meta huma jilhqu l-eta` ta' l-irtirar. Ciononostante, bl-appell tieghu l-apellanti jissottometti illi dak il-hlas ma kienx strettament jikkwalifika bhala pensjoni u, fiz-zgur mhux bhala "Pensjoni tas-Servizz" kif din l-espressjoni hi definita mill-

Artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Din id-deduzzjoni tieghu hi minnu bazata fuq dawn ir-ragunijiet:-

(i) Il-hlas kien allacjat ma' perijodu limitat ta' 5 snin filwaqt li pensjoni tippresupponi hlas durevoli sal-mewt;
(ii) Huwa qatt ma kien impjegat tad-ditta izda *self-employed;*
(iii) Il-hlas kien jirrapprezenta kreditu likwidat mis-socji favur tieghu;
(iv) Hekk mentri, in via generali, pensjoni tispicca mal-mewt, fil-kaz tieghu l-fatt li l-hlas seta' jkompli jsir lir-rapprezentanti successorji tieghu, avverat id-decess tieghu, jkompli jikkonferma illi s-somma kienet tirrapprezenta kreditu u mhux pensjoni;

Evidentement, dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellant huma replika ta' dawk l-istess proposti minnu fin-Nota tieghu quddiem l-Arbitru intavolata fil-5 ta' Mejju, 2008 (fol. 38), u li l-Arbitru deherlu li kellu jiskarta in bazi ghall-konsiderazzjoni illi dak il-hlas kien fir-realta` pensjoni jew gratifikazzjoni. Taht dan il-profil huwa car illi l-Arbitru ma sabx raguni biex jiddiskosta ruhu mill-interpretazzjoni u l-valutazzjoni moghtija mid-Direttur appellat;

Il-Qorti tidentifika minn din l-esposizzjoni tar-rizultanzi istruttorji quddiem l-Arbitru illi l-kwezit ewlieni li kellu jigi konsiderat ghal fini tal-gudizzju tat-talba ta' l-appellanti kienx dak li l-hlas percepit mill-appellanti minghand id-ditta kellux il-karatteristici ta' kreditu, anticipatament likwidat fil-forma dettata mill-ftehim konsocjali jew, invece, pensjoni skond il-precett normattiv taht il-Kapitolu 318;

It-tifsira li l-Oxford Dictionary of Law (Fourth Edition, 1997) jaghti lill-kelma "*pension*" hi dik ta' "*income paid to a person who has reached the state retirement age (retirement pension) or who has retired from employment and benefits from a company or personal pension scheme*". Fuq il-portata ta' din it-tifsira f'kollegament mal-

kontenut tal-ftehim huwa, fil-hsieb tal-Qorti, manifestament ovvju illi l-intendiment tal-konsocjati b'dak il-ftehim kien dak li jikkrejaw pjan jew skema ta' beneficcju jew ta' gratifikazzjoni ghalihom infushom meta jigu biex jirtiraw mis-servizz taghhom mad-ditta. B'dik il-klawsola fuq riportata huma riedu joholqu ma' l-irtirar, u skond it-termini legali u kontrattwali pre-determinati, forma ta' hlas annwali ggarantita anke jekk ghal perijodu limitat u ben definit. L-istess konsocjati ddefinew din l-iskema bhala "Partners' Pension" u attribwewlha l-forma ta' pagament korrispondenti ghal wahda minn hamsa parti tas-sehem mill-profitti skond l-ahhar "Accounting Date";

F'dan, il-Qorti ma tirravviza ebda speci ta' kreditu izda pjuttost kompensazzjoni fil-forma ta' pensjoni mahsuba bhala gratifikazzjoni ghas-servizzi li ghal snin is-socju li jirtira jkun ppresta lid-ditta. Veru li l-appellanti ma kienx impjegat subordinat izda *self-employed*. B'daqshekk, xorta whada, fil-fehma tal-Qorti ma kien hemm xejn x'izomm lill-konsocjati *self-employed* milli jahsbu ghal pjan li bih id-ditta tiggratifika lis-singoli konsocjati b'pensjoni ghal zmien prefiss meta huma ma jkunux ghadhom qed jippercepixxu *income* regolari. Dan, fil-prattika, ma hu xejn inuzwali. Jekk, imbaghad, f'dan il-kaz il-konsocjati ghazlu li jiddefinixxu dak il-pjan taghhom bil-mod koncepit fil-klawsola ta' ftehim dan ma jfisserx u ma ghandux jigi interpretat, kif hekk jinterpetah l-appellanti, bhala li ma kienx jikkwalifika bhala pensjoni ghaliex, skond hu, il-hlas ma kienx rikorrenti u duratur sad-decess. Il-konsiderazzjonijiet fuq maghmula ma jsostnux din l-interpretazzjoni;

Lanqas, imbaghad, ma jezisti ebda margini ta' dubju illi l-*punctum temporis* ghar-revizjoni tal-Pensjoni Kontributorja dovuta lilu hi dik issuggerita minnu, ossija d-29 ta' Jannar, 2001. Una volta, kif jinghad fl-ittra tac-Chairman tat-3 ta' Jannar, 2007 (fol. 13) il-hlas tal-pensjoni kontrattwali pagabbli lill-appellanti bdiet tiddekorri mill-1 ta' Jannar, 2007 it-tmiem tal-perijodu ta' hames snin appattwit fl-

istess ftehim ma setax hlief ikun dak tal-31 ta’ Dicembru, 2011;

Jinzel minn dan illi l-mertu ta’ l-appell ma jistax ikun meritevoli ta’ akkoljiment u jkollu jsegwi l-istess konkluzjoni tad-decizjoni ta’ l-Arbitru fuq il-gravam devolut lilu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Kif konswet f’appelli ta’ din ix-xorta l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------